TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1812

KAZ 2375

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Azzopardi

u

Entertainments Limited

dwar tkeccija mill-impieq allegata li hi ngusta.

Data : 8 ta' Ottubru 2007.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Dikjarazzjoni pprezentata fis-6 ta' Gunju 2006.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Mario Azzopardi, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant," kien assistit mill-Avukat Luigi Sansone u Entertainments Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Mark Grima assistit mill-PL Juliana Scerri Ferrante.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Kumpanija qalet li l-appellant gie mkecci fuq ragunijiet ta' serq u mmaniggar ta' xogholu kontra r-regolamenti tal-Kumpanija. L-appellant sostna li ma kien hemm ebda raguni valida biex ma jgawdix il-fiducja assoluta tal-Kumpanija u li tiggustifika t-tkeccija. Il-Kumpanija kellha sentimenti ta' sfiducja u ta' suspett dwaru u sabet skuza frivola biex tkeccih. Fuq kollox qatt ma kien inghata xi "warning" tul l-impieg tieghu.

Mix-xhieda jirrezulta li l-Kumpanija kellha suspett dwar agir ta' l-appellant u ddecidiet li tiehu passi biex tinvestiga. Qabbdet persuna biex taghmel ghassa fuqu waqt li kien xoghol. Din irrappurtat li f'okkazjoni l-appellant ta "cocktail" lil tfajla u ha l-flus izda ma tahiex ircevuta. Ftit sekondi wara qabad karta mir-romblu ta' l-ircevuti u poggiha fil-but ta' wara. Dak in-nhar ukoll ta flixkun ilma lil klijent u la ha flus u anqas ma ta rcevuta. F'okkazjoni ohra ta flixkun birra lil klijent, ha l-flus, ippancjah izda ma tahx l-ircevcuta. Warajh ta l-istess tip ta' birra lil klijent iehor, tefa' l-flus fil-"cash box" u tah l-ircevuta tal-klijent ta'qablu.

Il-Kumpanija kienet ukoll impjegat "Manager" li gie mitlub biex jiccekkja l-integrita ta' l-appellant. Dan xehed li fi tlett okkazzjonijiet (21 u 25 ta' Frar u 1 ta' Marzu 2006) pogga flus zejda fil-"cash till" ta' l-appellant u darba ohra, fuq ordni tad-Direttur, nehhielu sitt liri. Meta ghamel il-kjontijiet fl-ahhar tal-gurnata l-appellant qatt ma rrapporta li kellu flus zejda jew nieqsa.

L-appellant jinnega dawn l-akkuzi. Dwar li pogga rcevuta fil-but jghid li meta kien irid jaghmel xi notament kien jaqta karta mir-romblu u jikteb fuqha. Fil-fatt jghid li sab xi karti minn dawn fil-but tal-"jeans". Isostni li l-investigazzjonijiet ma sarux b'mod professjonali kif ukoll li l-"manager" li qal li pogga flus zejda jew nieqsa kellu problemi personali mieghu u ragunijiet ulterjuri biex hu jitkecca.

Ir-raguni li ta l-appellant ghall-akkuza li pogga rcevuta fil-but kienet li kellu l-uzanza li jaqta bicca karta mir-romblu ta' l-ircevuti biex jaghmel xi notamenti u jpoggihom fil-but. Jghid li fil-fatt sab minn dawn fil-but tal-"jeans". Din hija haga possibbli izda dawn ma fihomx data u ghalhekk mhumiex prova li xi wahda saret fid-data ta' l-allegat abbuz.. Barra minn hekk il-persuna li tqabbdet mill-Kumpanija biex tinvestiga xehedet li f'din l-okkazzjoni l-appellant ha l-flus izda ma tax ircevuta. Dan huwa nuqqas serju hafna irrispettivament jekk il-karta kienetx ircevcuta jew wahda "blank" li harget ghax fetah il-kexxun izda ma ppancja ebda ammont.

Ghalkemm kien hemm xi diskrepanzi fix-xhieda tal-kumpanija u l-investigazzjoni setghet saret b'mod aktar professjonali t-Tribunal ihoss li x-xhieda tal-persuna li tqabbdet taghmel ghassa, tal-"manager" u taz-zewg diretturi ma jistghux jigu mwarrba u juru li l-appellant ma mexiex mal-prattika u kiser ir-regolamenti tal-Kumpanija intisi biex jevitaw abbuzi. Kien l-agir tieghu li wasslet lill-Kumpanija biex tikkonferma suspetti li ma kienx qed josserva r-regolamenti tal-Kumpanija u mhabba f'hekk jitlef il-fiducja li kellha fih.

It-Tribunal jaccetta li l-Kumpanija kellha dritt li tiehu hsieb l-interessi taghha u gustifikazzjoni biex tittermina l-impieg ta' l-appellant. Ghalhekk jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-temm tal-impieg.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mill-partijiet, xhieda msifrin u nuqqas ta' facilitajiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira) ; E93 (tlieta u disghin euro)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja